Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

21 ta' Marzu, 2000

ATT Nru. X ta' l-2000

ATT li jemenda l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, Kap. 220.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah "il-liġi prinċipali". Titolu fil-qosor.

2. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 37, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 38, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 44 u s-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 45 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "il-piena tal-mewt" kulfejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "priġunerija għal għomorha". Emenda ta' l-artikoli 37, 38, 44 u 45 tal-liġi prinċipali.

3. Fl-artikolu 73 tal-liġi prinċipali, il-proviso li hemm miegħu għandha titħassar u minflok il-kliem "għal dak ir-reat:" għandhom jidħlu l-kliem "għal dak ir-reat.". Emenda ta' l-artikolu 73 tal-liġi prinċipali.

4. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 76 u s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 77 tal-liġi prinċipali, minflok il-kelma "mewt;" kulfejn din tinsab għandhom jidħlu l-kliem "priġunerija għal għomor bniedem;". Emenda ta' l-artikoli 76 u 77 tal-liġi prinċipali.

5. L-artikolu 77A tal-liġi prinċipali u n-nota marġinali relattiva għandhom jitħassru. Tħassir ta' l-artikolu 77A tal-liġi prinċipali.

Emenda ta' l-artikolu 91 tal-liġi prinċipali.

6. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 91 tal-liġi prinċipali, il-kliem "ta' mewt jew" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 102 tal-liġi prinċipali.

7. Fis-subartikoli (3) u (4) ta' l-artikolu 102 tal-liġi prinċipali, minflok il-kelma "mewt" kulfejn tinsab għandhom jidħlu l-kliem "priġunerija għal għomor bniedem".

Emenda ta' l-artikolu 113 tal-liġi prinċipali.

8. Minflok l-artikolu 113 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Rakkomandazzjoni mill-qorti marzjali meta taħti sentenza ta' priġunerija għal għomor bniedem.

113. Wara li l-qorti marzjali tkun tat sentenza ta' priġunerija għal għomor bniedem, din tista' tirrikmanda bil-miktub lill-Ministru fi żmien erbgħa w għoxrin siegħa x'ikun l-inqas perijodu li fil-fehma tagħha jkollu jgħaddi qabel ma l-priġunier jinħeles mill-ħabs. Dik ir-rakkomandazzjoni għandha tintgħamel disponibbli għall-persuna ssentenzjata, u għandha tinżamm kopja tagħha mill-Kmandant.".

Emenda ta' l-artikolu 122 tal-liġi prinċipali.

9. Fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 122, il-proviso li hemm miegħu għandu jitħassar u minflok il-kliem "sentenza ta' qorti marzjali:" għandhom jidhlu l-kliem "sentenza ta' qorti marzjali.".

Thassir ta' l-artikolu 127 tal-liġi prinċipali.

10. L-artikolu 127 tal-liġi prinċipali, u l-kelma "mewt," fl-intestatura li tiġi minnufih qabel dak l-artikolu, għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 116 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

11. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 116 tal-Kodiċi Kriminali, il-proviso li hemm miegħu għandha tithassar u minflok il-kliem "din il-piena akbar:" għandhom jidħlu l-kliem "din il-piena akbar.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 261 tat-13 ta' Marzu, 2000.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati